MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

26 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-18.14

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 12

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 11
12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
12.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera
12.5 Komunikazzjoni
12.6 Ħatra ta' segretarju eżekuttiv
12.7 Ilmenti u suġġerimenti
12.8 Skeda tal-pagamenti 05/2025
12.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 11

12.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.11 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 12.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li l-kunsill qed jirċievi ħafna lmenti fuq l-asfaltar tat-toroq li bħalissa għaddejjin ix-xogħol. Minn naħa tal-kunsill, jekk il-kuntrattur li għandu t-*tender* ma' jiġix, il-kunsill ma jista' jagħmel xejn iżjed. Fuq Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri il-kuntrattur sab diffikultà fil-livelli tat-triq. Il-perit bagħat lill-awtorità ta' l-ippjanar biex ikunu jistgħu joħorġu l-livelli minn naħa tagħhom. L-awtorità ta' l-ippjanar wieġbu li jrid japplika għal *survey*, liema *survey*, il-perit qiegħed f'idu wara li ġie mgħoddi minn l-awtorità ta' l-ippjanar, u konsegwentement issa jista' jibda x-xogħolijiet mill-aktar fis possibli. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li r-residenti jiġu nfurmati b'dawn l-iżviluppi, biex b'hekk kemm jista' jkun jinqata' ċertu spekulazzjonijiet. Kien hemm resident li qalet lill-kunsill biex jimla t-toqob bl-asfaltar, imma s-sindku qal li din se tiġi spiża addizzjonali li l-kunsill irid joħroġ, u mhemmx garanzija li se jaqbad. Il-kuntrattur qed iwiegħed li mill-aktar fis possibli, jiġi u jibda jqaxxar.

12.3.2 Il-kunsill huwa nfurmat mill-Ministeru għal Għawdex, li se jibda x-xogħlijiet imminenti fi Triq tal-qasam Ta' Sannat. Is-sindku enfasizza, li important li x-xogħlijiet ikunu lesti sal-ġimgħa tal-festa, biex tiġi organizzata t-tiġrija taż-żwiemel. La qed isemmu t-tiġrijiet taż-żwiemel, il-kunsilliera qablu li t-tender ta' l-iscaffolding għandha toħroġ bl-*accelerated procedure*, peress li ma baqax ħafna żmien. Fuq it-toroq, il-kunsill qed jimbotta kemm jista' biex jiffaċilitaw l-affarijiet biex ix-xogħlijiet isiru b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex, li għandu r-responsabiltà tat-toroq u li jiffinanzja l-fondi. Bħalissa, hawn ħafna xogħol għaddej, u kulħadd jaf li f'Għawdex, hawn żewġ kuntratturi biss li jagħmlu t-toroq.

12.3.3 Is-sindku qal, li l-kunsill huwa responsabbli mill-manutenzjoni tat-toroq. Il-kunsillier Bajada qal li huwa mportanti li jinfurmaw ir-residenti li se jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Ta' Sannat. Hemm is-*second class water*, il-katusa tal-*water rain culvert* u titqaxxar it-triq u tiġi asfaltata. Il-kunsilliera Bajada semma it-tappiera fi Triq Sannat, liema tappiera se tkun livellata xħin isiru x-xogħlijiet.

12.3.4 Rigward il-proġett ta' Triq Palazzo Palina, dan huwa proġett nazzjonali taħt is-supervizjoni tal-korporazzjoni ta' l-ilma, fejn qed jagħqad il-ġibjun il-qadim, mal-ġibjun il-ġdid. Hawnhekk ukoll, il-kunsill qed jistenna l-kuntrattur biex ikompli x-xogħlijiet. Is-sindku mar fuq il-post biex jara meta din it-triq se titlesta. Kien hemm *issue* biex jgħaddi *cable* tad-dawl, liema *cable* ġie mgħoddi, u s-sindku nfurmat li ħmistax il-ġurnata oħra, il-kuntrattur se jibda l-asfaltar tat-triq. Ir-residenti għandhom raġun igergru, imma xħin jitlesta l-proġett, jinsew dawn l-inkonvenjenzi u jgawdu dawn ix-xogħlijiet li jkunu saru.

12.3.5 Il-perit ta l-approvazjoni tiegħu biex tingħata t-tieni kisja asfaltar ta' Triq Paranji. Dawn ix-xogħlijiet se jsiru mill-istess kuntrattur li għandu x-xogħlijiet pendenti li għadhom kemm semmew qabel f'din il-laqgħa.

12.3.6 Fuq ix-xogħlijiet tal-Kalkara tal-Ġir, l-istess, il-kunsill qed jistenna l-kuntrattur biex ikompli x-xogħlijiet, bl-ispejjez dejjem jiżdiedu. Apparti minn hekk, il-kunsill qed jitlef fondi tal-LESA, peress li ma jistax japplika għal fondi oħra, jekk il-proġett tal-Kalkara tal-Ġir li qed isir minn fondi tal-LESA ma jitlestiex.

12.3.7 Il-proġett tal-*playing field*, ġie maqbul li l-kuntrattur din il-ġimgħa, jiġi u jnaddaf l-inkonvenjent u l-imbarazz li hemm, biex ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku. Il-*playing equipment* twaħħal u l-kunsill għadu għaddej bil-ħidma biex isir il-proġett li ġie msemmi fil-laqgħa preċedenti. Il-viċi sindku ssuġerixxa li isir attività żgħira għat-tfal, biex jimmarka l-ftuħ mill-ġdid ta' din il-*playing field*. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsillier Bajada, biex ma jinsewx il-ħamrija biex tintefa' taħt is-siġar tal-palm, kif kien miftiehem. Il-kunsillier Bajada qed jistenna l-volum ta' ħamrija li hemm bżonn, biex tkun tista' tiġi ordnata u mitfwuha. Is-segretarja eżekuttiva fakkret li huwa mportanti li l-ħamrija tkun ħamranija.

12.3.8 Il-kunsillier Bajada staqsa lis-sindku fuq iż-żebgħa taz-*zebra crossing*, ta' fejn il-kappella tas-sagrament. Is-sindku qal, li l-ħaddiema iridu jiġu u jiżbħuha għax l-*order* kienet intbagħtet. Il-kunsilliera Galea staqsiet jekk hux se jkun hemm *pelican lights*, bis-sindku jikkonferma fil-pożittiv u diġa għaddew id-dawl għal dawn il-bozoz. Il-kunsillier Bajada staqsa wkoll fuq ix-xogħlijiet pendent marbuta maz-zuntier. Is-sindku kkonferma li kien hemm laqgħa miftehma, però l-kuntrattur ma ġiex. Il-kunsill qed jipprova jagħmel komunikazzjoni mal-kuntrattur, biex din il-ġimgħa ssir din il-laqgħa.

## 12.4 Komunikazzjoni

12.4.1 Il-Qu*artely Financial Report* ippreparati mill-*accountant* ġie mqassam mis-segretarja eżekuttiva, bil-kunsilliera japprovaw dan ir-rapport, bis-sindku u s-segretarja eżekuttiva iffirmaw dan ir-rapport. Ir-rapport jindika li l-kunsill qiegħed *within budget*.

12.4.2 Is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li f'xi laqgħa preċedenti, il-kunsilliera kienu ftehmu li l-ispejjeż marbuta mal-ħarġiet ta' l-anzjani, jitħallsu kollha mid-dħul ta' din l-attività. Il-kunsill qed jintalab biex iħallas il-karti tat-tombla u xi spejjeż żgħar oħra. Barra minn hekk il-kunsill rċieva *invoice* marbuta ma' xi *keychains*, u s-sindku se jara din l-*invoice*. Il-kunsillera Cassar Sultana ssuġeriet li fil-laqgħa tal-kunsill jiddiskutu fuq dawn il-ħarġiet u anki jagħtu suġġeriemti fejjn jistew joħduhom. Il-kunsilliera qablu, u s-sindku żied jgħid li biex torganizza dawn l-ħarġiet mhu faċli xejn.

12.4.3 Il-kunsill bagħat iċ-ċirkularijiet li jirċievi bħala kunsill lill-kunsillieri.

12.4.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva invoice ta' tlett elef (€3000) mingħand persuna bl-isem ta' Sandro Zammit, fejn qed jitlob depożitu ta' ħlas għal-attività tal-*Beer Festival* li se jsir fis-sittax (16) ta' Awwissu. Is-sindku qal li s-soltu din l-attività jsir fil-festa taż-Żebbuġ, però din is-sena, il-*wine festival* ġie mċaqlaq għal-festa taż-Żebbuġ, u għalhekk biex ma jaħtbux dawn iż-żewġ attivitajiet ma' xulxin, il-*Beer Festival* se jir l-għada ta' Santa Marija. Is-sindku qal, li biex isib *entertainer* f'dawn iż-żminijiet huwa diffiċli ħafna, għax kulħadd ikun ibbukjat b'impenji oħra. Fil-fatt, is-sindku ċempel lil ħafna artisti, però, kulħadd kellu l-impenji tiegħu. Fl-aħħar, is-sindku ċempel lil Glenn Vella, fejn ikkonferma minn naħa tiegħu li huwa disponibbli b'kumbinazzjoni f'dik il-ġurnata. Glenn Vella ikkonferma li se jiġi bil-*band* tiegħu u se jistieden ċertu guests. Is-segretarja eżekuttiva qalet li dan l-ammont mhux se tapprovah biex jitħallas, u s-sindku qal li l-ewwel iġib l-kwotazzjoni, imbagħad joħroġ l-*invoice* bħala deposit. Is-sindku qal li fuq din l-attività, l-kunsill diġa ħa fondi mingħand id-dipartiment tal-Kunsilli Lokali u kważi kull darba meta jsiru dawn l-attivitajiet, il-kunsill iġib bejn 90% u 95% ta' l-ispejjez involuti u hemm il-kuntratt iffirmat. Il-kunsill ser iġib tlett kwotazzjoniet kif stipulat, u anki se jippruvaw iġibu band oħra lokali.

12.4.5 Fl-aħħar laqgħa tal-kunsill, kien hemm ix-xewqa mill-kunsilliera biex jiġu nstallati kameras tas-sigurtà li jaħdmu bis-*solar*, u għalhekk se jaraw minn liema *tender* jistgħu jinxtraw. Is-segretarja eżekuttiv qalet li wieħed biss ikkwota *quotation* ta' dawn il-kameras tas-sigurtà li jkunu jaħdmu bis-*solar*, liema *quotation* tqassmet biex jarawha l-kunsillieri. Is-segretarja eżekuttiva hija nfurmata li biex tagħmel inqas mill hemm fit-*tender*, triq bilfors taqa' t-*tender* u terġa toħroġ. L-ewwel *tender* li kienet ħarġet ma kinitx tispeċifika li l-kameras tas-sigurtà jaħdmu bis-solar, pero', it-tieni *tender* kien hemm spesifiku li juridu jaħdmu bit-*tender*. Il-kunsilliera qablu li għandhom iġibu *quotations* oħrajn, biex imbagħad ikun jistgħu jiddeċiedu għal-liema kwotazzjoni ser jagħżlu. Il-kunsilliera qablu li l-ewwel *tender* tkun irtirata, peress li fl-ispeċifikazzjoni mhemmx li jridu jaħdmu bis-*solar*, it-tieni *tender* mhiex se tiġi evalwati għax mhemmx *budget* bizzejjed u għalhekk ser imorru *direct order* bi tlett *quotations*. Is-segretarja eżekuttiva ser tgħid lill-ħaddiema tal-kunsill biex jibagħtu l-i*specifications* li hemm fil-*quotation* li ġabet lill-inġinier, u jekk l-inġinier jaqbel, iġibu żewġ stimi oħra bl-istess *specifications*. Is-sindku issuġerixxa li jkellmu lill dak is-*suppliers* li tefgħu l-offerta fit-*tenders* li ħarġu u jgħidulhom jekk iridux jibagħtu kwotazzjoni kif miftiehem illum fil-laqgħa tal-kunsill.

12.4.6 Għall-karnival 2026, hemm l-applikazzjoni li tagħlaq sas-sitta (6) ta' Ġunju. Il-ħaddiema tal-kunsill ser jimxu ma' l-applikazzjoni li ntbagħtet is-sena l-oħra, u japplikaw għall-karnival tas-sena d-dieħla.

12.4.7 Il-kunsill ġie mitlub biex jindika liema proġetti ġodda ser isiru minn naħa tal-kuinsill fix-xaħar ta' Mejju u Ġunju. Il-kunsill er isemmi l-asfaltar tat-toroq imsemmija aktar qabel f'din il-laqgħa flimkien ma' l-istima tal-belvedere ta' Triq 28 t'April.

12.4.8 Is-segretarja eżekuttiva semmiet li kien hemm persuna fi Triq il-Kbira, fejn allega mad-direttur ġenerali tal-Kunsilli, li l-kunsill ta' Sannat mhux jimxi mal-liġijiet rigward l-ilment li

huwa ressaq. Id-direttur ġenerali, wara investigazzjoni, kiteb lis-segretarja tal-kunsill, fejn ikkonferma li bħala kunsill mexa skond il-liġi. Id-direttur ġenerali kkonferma kif mexa l-kunsill, li d-deċizjoni finali hija tar-regolatur f'dan il-kaz *Transport Malta*.

12.4.9 Il-kunsill kien mitlub biex jirrilaxxa garanzija marbuta ma' zvilupp ta' blokka appartamenti, bl-isem ta' Ta' Ċenċ Residence, fi Triq Ta' Ċenċ, liema talba kienet saret f'Marzu li għadda. Is-sindku talab biex jerġa jara r-ritratti, u jiddiskutiha mal-perit.

12.4.10 L-għaqda tan-Nar ta' Sannat, tablet lill-kunsill biex bħal kull sena, tingħata għajnuna finazjarja marbuta ma' l-insurance €2435.08, is-servizz ta' *fire engine* €1157.50 u xi €600 l-permessi tal-pulizija. Il-kunsilliera taw l-approvazzjoni tagħhom biex dawn jitħallsu, bis-sindku jfakkar li l-*fire engine*, pulizija u uffiċċjali tal-LESA, jitħallsu mill-iskema maħruġa mir-reġjun t'Għawdex, dejjem jekk ma' jaqbzux certu ammont.

12.4.11 Il-kunsill rċieva komunikazzjoni mingħand persuna, jistaqsi jekk il-kunsill huwiex interessat li jagħmel *outdoor gym*, fi propjetà governattivi u faċilment aċċessibli. Is-sindku qal, li xħin il-kunsill jakkwista l-fondi neċessarji, tinħareġ *tender*, u dan l-individwu/kumpanija titfa' l-offerta tagħha.

12.4.12 Sar *meeting* virtwali u anki ser jiġu fiżikament il-kunsill marbut ma' *cash handling procedures*. Is-segretarja eżekuttiva issuġeriet li din il-laqgħa *on site*, isir meta jkun hawn is-segretarja eżekuttiva l-ġdida.

12.4.13 Qed ikun hemm xi miżuri u laqgħat marbutin mas-saħħa mentali. Dawn in-notifika qed jiġu mibgħuta lill-kunsilliera. Il-viċi sindku ħareġ bl-ideja, li l-kunsill jorganiżża attività marbuta mas-saħħa mentali, fejn fost l-oħrajn semma possibilment li jkun mistieden il-profs. Anton Grech, fejn jagħti taħdita lill-anzjani f'waħda mill-ħarġiet li qed jiġu organiżżati għalihom.

12.4.14 Ser joħorġu xi skemi ta' fondi u għalhekk qed ikun hemm laqgħat informattivi fuq dawn l-inċentivi. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet jekk xi ħadd mill-kunsilliera qed jattendi.

12.4.15 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat li fil-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex qed jagħtu xi nformazzjoni fuq l-attivitajiet ta' għeluq ta' *Region of Culture* 2025 li ser isir f'Diċembru 2025, b'numru ta' attivitajiet. Il-viċi sindku qed jattendi dawn il-laqgħat bħalissa u kkonferma li l-laqgħa li jmiss ser isir fl-24 ta' Ġunju.

12.4.16 Il-kurja kitbet lill-kunsill fejn qed jgħidu li kien hemm ftehim marbuta ma' xi xogħlijiet fuq iz-zuntier fosthom li jsir *electrode* minħabba s-sajjetti, bonavostri taż-żewġ turġien tal-ġnub, liema xogħlijiet għadhom ma tlestgħux, fejn qed jistaqsu meta ser jitlestgħu. Il-kurja talbet li jsir laqgħa biex jiġu diskussi dawn ix-xogħlijiet li għadhom pendenti. Is-sindku semma li saru diversi laqgħat mal-kuntrattur, fejn jikkonferma li x-xogħlijiet ser isiru, però sfortunatament ix-xogħol jibqa' ma jsirx. F'din il-komunikazzjoni, semmew ukoll Iż-żebgħa taż-*żebra crossing*, kif ukoll xi tappiera fil-pjazza li qed tħabbat xħin jgħaddu l-karozzi minn

fuqha. Il-kunsilliera qablu li l-ewwel darba li ser ikun laqgħa mal-kuntrattur, membri tal-kurja huma mistiedna jattendu.

12.4.17 Minn naħa tal-Green MT qed jgħidu li l-kunsill ma rċieva l-ebda ilment fuq kif qed jirrapurtaw din il-kumpanija. Li hu żgur, li fir-riħ dawn il-*bins*, qed jiċċaqalqu u kien hemm każ li messew ma' xi karozza. Il-kuntrattur ġie fuq il-post, u rappreżentanti tal-kumpanija Green MT qalu li hemm probabiltà kbira li jimxu bir-riħ.

12.4.18 Il-kuntrattur li ħadem fuq il-proġett tal-*playing field* ta' Triq Marziena, qed iċempel kuljum il-kunsill minħabba l-ħlas. Is-sindku ġie mwiegħed mill-istess kuntrattur li din il-gimgħa stress se jigi u jneħħi l-imbarazz. X'ħin ineħħi dan l-inkonvenjent u jnaddaf il-*playing field* jitħallas.

12.4.19 L-amministrazzjoni ta' l-iskola primarja u *special unit* ta' Sannat, bagħtu ringrazzjament lill-kunsill għal-għajnuna finanzjarja u anki il-midalji għal-field day li jsir kull sena.

12.4.20 Persuna li toqgħod in-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan, u qed tibgħat emels lil diversi ministeri biex isiru d-dwal f'din il-parti tat-triq. Is-sindku qal li qabel ma jkollhom iswed fuq l-abjad, li din it-triq hija pubblika, ma jistgħu jagħmlu xejn. Is-segretarja eżekuttiva qalet li biex il-kunsill ikun jaf jekk din it-triq ġietx pubblika, il-perit jew nutar irid jagħmel applikazzjoni ma' l-awtorità ta' l-artijiet biex jikkonfermaw jew le li dik it-triq ġiet pubblika. Is-sindku ser ikellem lil xi persuna li taħdem f'din l-awtorità ta' l-artijiet.

12.4.21 L-għaqda żgħażagħ Palmisti għamlu talba lill-kunsill biex tingħata għajnuna finanzjarja (€2395.00) bħal kull sena biex jittela l-*feature* tal-festa. Il-kunsilliera taw l-approvazzjoni tagħhom.

12.4.22 Is-segretarja eżekuttiva qalet li hemm *survey* tal-GAGF li jagħlaq fit-tletin (30) ta' Mejju. Min irid mill-kunsilliera jista' jimlieh.

12.4.23 Il-kunsill fl-isem l-għaqda tan-nar, se applika mill-iskema tal-fondi għas-xow tan-nar li jsir lejlet il-festa. Il-BOQ se tkun €19,563.

12.4.24 Ħaddiema tal-kunsill bagħtu imejl lis-sindku, rigward informazzjoni li qed jitolbu mid-dipartiment tad-DPF fuq l-isqaq Din Anastas. Is-sindku qal li l-perit bagħat l-informazzjoni mitluba. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li din l-informazzjoni intbagħtet ħażina, bis-sindku jgħid li ser jerġa jkellem lill-perit.

12.4.25 ERA bagħtet lill-kunsill ritratti li qed ikun hemm *fresh dumping of waste* ġo għalqa partikulari. Il-kunsilliera identifikaw din l-għalqa fiż-żona ta' Xamgħan. Jekk hija għalqa privata ftit jistgħu jagħmlu bħala kunsill. Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet in-nuqqas ta' ndafa u iġjeni mingħand xi resident li joqgħodu f'appartamenti fi Triq Xamgħan.

12.4.26 Il-kunsill bagħat informazzjoni lill-kunsilliera rigward linji gwida fuq *co-financing*. Importanti li l-kunsilliera jarawhom ħalli jekk ikun hemm bżonn xi informazzjoni addizzjonali ikunu jistgħu jitolbuha.

12.4.27 Ser isiru sezzjonijiet ta' informazzjonijiet f'Ġunju dwar l-operat tal-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lill-kunsilliera biex jiftehmu u jattendu, biex bhekk jibqgħu aġġornati.

12.4.28 Tal-fulklar *Folk group* bagħtu lill-kunsill biex jaraw jekk ikunux interessati jagħmlu xi attività flimkien.

12.4.29 Bħas-soltu ntbagħtu l-lista ta' permessi applikati jew approvati. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lill-kunsilliera li jekk iridu jagħmlu oġġeżżjoni fiq xi permess jitkellmu fl-iqsar żmien.

12.4.30 Is-sindku ddelega lil viċi sindku fuq il-proġett tas-sala ta' l-iskola. Il-viċi sindku aġġorna lill-kunsilliera li bħalissa qed jiddiskuti mal-kap ta' l-iskola flimkien ma' persuni kompetenti fil-qasam tad-dawl u *sound*, fejn qed tintalab l-għajnuna minn naħa ta' l-iskola. Il-viċi sindku qal li qed jaħdmu biex iġib tlett stimi fuq *sound* u dawl rispettivi. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lil viċi sindku biex sal-ġimgħa d-dieħla jġib l-imsemmija stimi, biex imbagħad ikun jistgħu jitkellmu mad-dipartiment tad-DPF.

## 12.5 Ħatra ta' segretarju eżekuttiv

12.5.1 Il-bord ta' l-għażla kien kompost mis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera Galea. Kien hemm ħames applikanti, li minnhom waħda rtirat għax marret segretarja eżekuttiva f'kunsill ieħor. L-intervisti saru s-Sibt li għadda, u kien hemm persuna li ma setgħetx tattendi, u l-intervista saret illum stess. Il-bord ta' l-għażla staqsa mistoqsijiet lill-applikanti speċifiċi relatati mar-raħal ta' Sannat u x-xogħol tal-kunsill. Fl-aħħar mill-aħħar irid ikun hemm xi ħadd li jintagħżel u l-bord iddeċieda lis-sinjura Jeanette Grima għadha tieħu l-irwol ta' segretarja eżekuttiva ġdida. Il-kunsilliera qablu ma' din l-għażla u ġiet ikkonfermata.

## 12.6 Ilmenti u suġġerimenti

12.6.1 Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet suġġeriment li fl-opinjoni tagħha ta' Sannat hemm karba biex isir *community hub*, fejn l-anzjani jiltaqgħu ma' xulxin u jitkellmu flimkien. Is-sindku qal li fil-leġislatura preċedenti kien hemm ininzjattivi mill-kunsill biex anzjani jiltaqgħu flimkien u jegħlbu s-solitudni, però ma kienx hemm rispons. Is-sindku semma wkoll li bħala

kunsill jiġu organiżżati il-ħarġiet għall-anzjani fejn jistgħu jiltaqgħu ma’ xulxin, però, jaqbel li bħalha kunsill jerġgħu jippruvaw joħolqu inizjativa simili.

12.6.2 Il-kunsillier Bajada semma xi konkos fi Triq il-Gruwa. Il-kunsill se jiddiskutu jara x’jista’ jagħmlu.

12.6.3 Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet meta se jinqata’ l-ħaxix fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-sindku semma li dan il-ħaxix se jinqata’ mill-ħaddiema tal-kunsill issa f’Ġunju, peress li ma setax jinqata qabel minħabba l-kampanja favur iddakar tan-naħal.

12.6.4 Is-sindku qal li fi Triq Dun Xand Aquilina iffurmat ħofra fejn jirriżulta li hija ħofra tad-dranaġġ. Il-ħaddiema ġew fuq il-post hu għamlu *mainhole* li ma kienx hemm. Issa, l-ilma tad-dranaġġ ma kienx qed jgħaddi il-katusa iżda kien qed jgħaddi minn wiċċ it-triq, bir-riżultat li għamel ħsara fit-*tarmac*, u li t-*tarmac* tela’ mal-ġenb tat-triq.

12.6.5 Xi residenti li joqogħdu fi Triq it-Tempju ta’ l-imramma reġgħu kitbu lill-kunsill biex ikunu jafu meta se titkompla t-triq għax hemm ħafna trabijiet u anki storbju speċjalment meta jgħaddu l-quad bikes. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tinforma lil dawn ir-residenti li t-triq hija responsabiltà tal-Ministeru t’Għawdex, bil-kunsill qed jikkomunika u jiffaċilita x-xogħol. Il-kunsill ser jinforma lil dawn ir-residenti bl-iżviluppi ulterjuri.

12.6.6 Persuna li toqgħod Triq Xamgħan kitbet lill-ministeru rigward riħa tinten u rimi ta’ skart quddiem *cathouse*, residenti qed jarmu ż-żibel mill-gallarija għal isfel. Qed tiddiskrivi l-post bħala wieħed mhux akkoljabli għal qtates u tixtieq li tkompli tieħu ħsieb il-qtates u anki talbet li tibda tieħu ħsieb xi biċċa zgħira ta’ ġnien fejn din iż-żona. Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tagħmel laqgħa ma’ din il-persuna u se jinsisti magħha biex fejn qed tara persuni li jarmu illegalment, tirraporta lill-awtoritajiet. Semmiet ukoll li qed jipparkjaw xi muturi fuq il-bankina. L-istess, tagħmel rapport lit-*Transport Malta*.

12.6.7 Il-*community police* kiteb lill-kunsill tax-Xewkija, rigward tabelli li ma jidhrux.

12.6.8 Kien hemm ilmenti biex jinżebħu sinjali tat-toroq. Liema ilment ħa ħsiebhom il-kunsill.

12.6.9 Resident fi Triq Il-Paranji, bagħat sett ta’ ritratti fejn qed jilmenti li qed ikun hemm inkonvenjent, fuq il-bankina li jagħmilha diffiċli biex tgħaddi, speċjalment għall-fatt ukoll li huwa persuna li għandha limitazzjoni ta’ mobiltà.

12.6.10 Persuni li joqogħdu fi blokka apartamenenti fi triq Xamgħan, kitbu lid-direttur ġenerali Ms. Xuereb jistaqsu meta ha jingħata l-asfaltar tat-triq fejn joqogħdu.

12.6.11 Daħal ilment li qed jgħaddu *trailers* bil-balal tat-tiben lejn l-irziezet fi Triq l-għaxra t'Ottubru, fejn qed iħaxkmu mal-ħitan u anki qed imissu xi karozzi. Il-kunsilliera qablu li mhemmx soluzzjoni oħra ħlief li jibqgħu jgħaddu, però, joqogħdu kemm jista' jkun attenti.

12.6.12 Anzjana daħlet ilment li fit-2 ta' Mejju ix-xufier tat-transport pubbliku waqqafhom fil-bidu tad-daħla ta' Sannat u kellhom jimxu sa Triq il-Kbira fejn toqgħod. Din l-anzjan irrapurtat li ma kienx hemm avviż li se jingħalqu xi toroq. Is-sindku kkonferma li veru kien hemm toroq magħluqa, imma l-*bus* kienet qed tgħaddi mil-Munxar. Din l-anzjana qed tgħid ukoll li fit-28 ta' April il-*bus* ta' 8.35am ma setetx tgħaddi għax kien hemm it-triq magħluqa minħabba xi xogħlijiet f'postijiet privati. Is-sindku qal li fi Triq il-Kbira fejn ikun hemm permess mitlub, bilfors li jrid ikun hemm uffiċċjal pubbliku. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li fi Triq il-Kbira qed ikun hemm ħafna għeluq tat-triq minħabba permessi mitluba, ġeneralment dejjem fl-istess ġurnata. Is-sindku semma li bħala kunsill irid jiddiskuti jekk jingħatgħux permessi jew le f'ċertu ġranet. Semma wkoll li permessi fi Triq il-Kbira bilfors irid ikun hemm uffiċċjal pubbliku għax inkella il-permess ma joħroġx. Sfortunatament, il-*community police* għandu ħinijiet limitati ħafna li jkun għad dispożizzjoni biex ikun jista' jmur jiċċekja l-permessi madwar ir-raħal. Is-sindku qal li f'ċertu każijiet li ma jkunx hemm *community police* disponibbli, iċemplu l-għassa tar-Rabat Għawdex.Il-kunsill ma jistax joħroġ citazzjonijiet.

12.6.12 Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li bħal każ li ġie msemmi li persuni qed jarmu ż-żibel, għandhom jagħmlu kampanja 'name and shame'. Is-sindku qal, li biex isir dan irid ikollhom il-mezzi neċessarji biex ikunu jistew ikollhom filmati.

12.6.13 Intalbet l-għajnuna biex jittella ħajt tas-sejjieħ qrib il-bajja ta' Mgarr ix-Xini.

12.6.14 Kien hemm persuna li baqa' dieħel u kisser il-pots il-ġodda fi Pjazza tax-Xelina. Permezz tas-CCTV tal-ħanut li hemm fl-imsemmija pjazza, ġie identifikat u se jħallas l-ispejjeż.

12.6.15 Persuna anonima kitbet li l-kunsill li fi Triq Gerxija hemm blind corner u tixtieq li jsir mera biex tara min hu ġej minn Triq Zabbetta. Il-kunsilliera qablu li jsir mera tat-traffiku biex tara min hu ġej.

12.6.16 Daħal ilment fid-daħla taċ-ċnus quddiem dik il-blokka li nbniet, fejn hemm ħofra u qed jintrema skart illegali. Is-sindku qal li hemmhekk hemm issue bil-ħajt tas-sejjieħ, u trid tissolva. Is-sindku kellem lil din il-persuna li għamlet l-ilment u spjegalha l-issue kollha.

12.6.17 Il-permess ta' L-ERA biex tinżabar siġra fi triq il-Kbira għadu ma ħariġx, u għalhemm ma tistax tinżabar.

12.6.18 Il-kunsillier Bajada semma li l-plakka fi Triq il-Lewż għadha ma twaħħlitx. Is-segretarja eżekuttiva qalet li nxtrat u s-sindku qal li jridu jaraw kif se teħel.

12.6.19

Il-*junction* ta’ triq Santa Marija li tagħti għal Triq Moxa, xi ħadd kiteb biex isir mera. Is-sindku qal li minħabba t-trakkijiet ta’ Delicata u tal-Marsovin din il-mera ma tistax isir għax ma jkunux jistgħu jidħlu bit-trakkijiet u titkisser il-mera. Is-sindku qal biex tiġi ordnata imbagħad jaraw fejn tista’ titwaħħal.

12.6.20 Persuna qed titlob biex jitranġa saqaf ta’ kamra fuq propjetà tal-gvern ġo għalqa fi Triq il-Gruwa. Liema talba għaddiet bis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex. Il-kunsill ser jkun qed jistenna risposta.

12.6.21 Is-sindku issuġerixxa li jsiru *bollards* fid-daħla tas-sqaq li jagħti mill-pjazza Santa Margerita għall-mużew tad-duttrina, peress li qed jgħaddu xi karozzi minn dan is-sqaq.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 05/2025

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 05/2025 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mis-Sindku Vella. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsillier Bajada u ssekondata mil-viċi sindku Cassar. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma’ dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 12.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

12.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-8.22pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għat-Tnejn 23 ta’ Ġunju fil-1.30pm.

Konfermati, illum _____ta’ ___________________ 2025

| | |
|---|---|
| Philip Vella | Marie Josette Vella Magro |
| Sindku | Segretarja eżekuttiva |